MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1322/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**
**KONTRA**

**ORESTE ZAMMIT**
**VICTOR ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Oreste Zammit ta’ 46 sena, bin Francis Zammit u Rita nee’ Borg, mwieled Pieta’, nhar is- 7 ta’ Dicembru 1964, residenti 45, Triq Sant’ Enriku, Sliema u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 18565M;

U

Victor Zammit ta’ 53 sena, bin Francis Zammit u Rita nee’ Borg, mwieled Pieta’, nhar is- 16 ta’ Dicembru 1957, residenti 3, Sqaq is- Salvatur, Sliema u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 27558M;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli;

1) bejn it- 18 ta’ Novembru 2011 u t- 22 ta’ Novembru 2011 fi Triq is- Salvatur Slieam, ghamlu ingurji u/ jew theddid fil- konfront ta’ Anthony Zammit, Joseph Caruana, Concetta Caruana, Lorraine Frendo, Carmelo Zammit u Antoinette Attard u tal- familji taghhom;

2) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku billi qalu kliem indicenti w’ oxxen;

3) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ghalkemm kienu pprovokati, ingurjaw b’ mod li hargu barra mil- limiti tal- provokazzjoni;

4) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bl- imgieba taghhom ikkagunaw lil haddiehor u cioe’ lil Anthony Zammit, Joseph Caruana, Concetta Caruana, Lorraine Frendo, Carmelo Zammit u Antionette Attard u lill- familji taghhom biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta’ taghha;

5) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saru diversi atti, wkoll jekk kienu fi zminijiet differnti, ikunu jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

6) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu hsara fuq il- propjeta’ ta’ Anthony Zammit, fejn il- hsarat jammontaw ghal €63.80;

Lil Oresete Zammit wahdu akkuzat talli;

7) nhar it- 18 ta’ Novembru 2011 ghal habta tad-9.00 f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ fi Triq is- Salvatur, Sliema, bil- hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ tentattiv ta’ ferita gravi, wera’ dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni w indipendenti mill- volonta tieghu;

8) u akkuzat talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Zammit skont kif iccertifikat minn Dr. Valerie Vella Catalano Med Reg No 1931 mill- Gzira Health Centre;

9) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil- pussess tieghu strument li jaqta’ u/ jew bil- ponta (arma rregolari) minghajr il- licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija;

10) talli huwa kkommetta reat wara li gie kkundannat ghal reat b’ sentenza lit kun saret definittiva;

Lil Victor Zammit wahdu talli;

11) nhar it- 22 ta’ Novembru 2011 ghal habta tal-11.30am volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Joseph Caruana skotn kif iccertifikat minn Dr. Ivelina Petkova Med Reg No 3087 mill- Gzira Health Center;

12) ukoll talli nhar it- 22 ta’ Novembru 2011 ghal habta tal- 11.30am minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil- gebel jew xi hwejjeg ohra iebsin (kanna tal-hadid) kontra Joseph Caruana;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta kwistjoni bejn membri tal-istess familja. L-imputati, li huma ahwa, ghandhom argumenti u nuqqas ta' qbil ma' ommhom u ma' huthom. L-incident mertu ta' din il-kawza kien frott ta' dan il-glied kontinwu bejniethom, izda minkejja n-numru ta' akkuzi migjuba kontra l-imputati, l-incident fih innifsu ma kellux konsegwenzi serji. Di fatti, il parte civile presenti fl-Awla tal-Qorti ddikkjaraw li huma riedu forma ta' garanzija li l-imputati ma jergghux ikellmuhom biex jingurjawhom, u riedu jzommu l-paci maghhom. In vista ta' hekk, l-imputati rregistraw ammissjoni, u stqarru li ser jaghtu l-kelma taghhom li ma jergghux ikollhom xi jghidu ma' huthom jew ma' ommhom. Il-Qorti ghalhekk ser torbothom b' ordni ta' protezzjoni favur il-parte civile ghall-perijodu massimu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 339(1)(d) u (e), 338(dd), 251B, 18, 325, 41, 216, 221, 49, 50, u 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqsant tordna hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal tlett

(3) snin favur il- persuni indikati ai terminu tal- Artikolu 412C tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------